1 ta' Settembru 2021
89/2021

**NAGĦTU WIDEN LEĦEN IĊ-ĊITTADIN**

STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI AMBJENT GĦAX-XAHAR TAL-ĦOLQIEN 2021

Mill-1 ta' Settembru sal-4 ta' Ottubru niċċelebraw ix-Xahar tal-Ħolqien, żmien li matulu neżaminaw fejn qegħdin f'dak li għandu x'jaqsam mad-dar komuni fejn ngħixu, u fl-istess ħin naraw x'futur irridu. Fl-okkażjoni ta' dan ix-Xahar, il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) qed toffri xi riflessjonijiet li jistgħu jgħinu lil pajjiżna jagħmel l-aħjar għażliet sabiex jiżgura kwalità tal-ħajja li tassew tixraq lilna u lil uliedna. Dan qed tagħmlu wkoll fid-dawl tal-pubblikazzjoni tal-aħħar rapport tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima.[1]

**Il-ħolqien prijorità?**

"Il-bidla fil-klima hi problema globali b'implikazzjonijiet serji: ambjentali, soċjali, ekonomiċi, politiċi u għat-tqassim tar-riżorsi. Hija waħda mill-isfidi prinċipali li għandu l-bniedem fi żmienna" (Laudato si', 25). Madanakollu, jidher li ħafna għadhom mhux qed jifhmu d-dimensjoni ta' din il-problema.

Stħarriġ tal-Ewrobarometru[2] juri li f'Malta 19% biss ta' dawk li rrispondew (medja tal-UE: 18%) iqisu t-tibdil fil-klima bħala l-aktar problema serja li qiegħda tiffaċċja d-dinja. Għalkemm 75% jemmnu li l-gvernijiet nazzjonali huma responsabbli biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima (medja tal-UE: 63%), aktar minn nofs (52%) jgħidu li huma responsabbli personalment li jagħmlu xi ħaġa biex jindirizzaw din il-problema (medja tal-UE: 41%). Fil-fatt, 74% minn dawk li rrispondew ħadu azzjoni biex irażżnu t-tibdil fil-klima f'dawn l-aħħar sitt xhur (medja tal-UE: 64%).

L-istħarriġ wera wkoll li, sa fl-aħħar, il-Maltin qed jorbtu l-kwalità tal-ambjent mal-kwalità tas-saħħa tagħhom. Fil-fatt, 93% jaqblu li l-indirizzar tat-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ambjentali għandhom ikunu prijorità għat-titjib tas-saħħa pubblika (medja tal-UE: 87%). Meta jqisu dan kollu, il-gwadann ekonomiku ma jibqax l-ogħla prijorità, tant li 81% jaħsbu

[1] Climate Change 2021: The Physical Science Basis ippublikat mill-Intergovernmental Panel on Climate Change (IPCC) fid-9 ta' Awwissu 2021. https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg1/#FullReport

[2] Ewrobarometru Speċjali 513: Tibdil fil-Klima. Marzu-April 2021

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

li l-flus mill-pjan ta' rkupru ekonomiku għandhom ikunu investiti l-aktar fl-ekonomija l-ħadra (medja tal-UE: 75%).

Minbarra l-fatt li l-Maltin jidhru li għandhom attitudni ambjentali pożittiva aktar mill-medja Ewropea, dawn ir-riżultati juru biċ-ċar li, għallinqas skont dak li qalu, iċ-ċittadini:

- lesti li jġorru r-responsabbiltjiet tagħhom fejn jidħlu kwistjonijiet ambjentali;
- jippretendu eżempju tajjeb, azzjoni u responsabbiltà mill-awtoritajiet; u
- jesiġu li l-kwalità ambjentali għandha tingħata prijorità fuq interessi oħra ekonomiċi.

**Il-ħtieġa ta' dibattiti sinċiera u onesti**

Dan hu l-appell li l-Papa Franġisku jagħmel kontinwament lill-politiċi fl-enċiklika tiegħu *Laudato si'*. Hu jsostni li:

"Politika ffokata fuq riżultati immedjati, imwieżna wkoll minn popolazzjonijiet konsumisti, tagħmilha neċessarja li tipproduċi tkabbir fi żmien qasir. Bi tweġiba għall-interessi elettorali, il-gvernijiet mhux ħa jazzardaw jirritaw il-popolazzjoni b'miżuri li jistgħu jheddu l-livell ta' konsum jew iqiegħdu f'riskju investimenti barranin. Il-viżjoni dejqa tal-politika għall-poter qed iżżomm lura l-inklużjoni ta' aġenda ambjentali li tħares 'il quddiem fl-aġenda pubblika tal-gvernijiet" (*Laudato si'*, 178).

L-istorja turina li l-ebda naħa tal-Kamra tal-Parlament Malti ma tista' tqis lilha nnifisha bħala xi paladin tal-ambjent. Id-difiża ġenwina tal-ambjent, fil-maġġoranza assoluta tal-każi, dejjem waqgħet fuq dahar l-NGOs, id-diversi kunsilli lokali li kellhom il-kuraġġ jitkellmu kontra l-interessi dojoq tal-partiti li jirrappreżentaw, u ċ-ċittadini ta' kuxjenza. Meta l-politiċi jiddeċiedu jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali, minbarra l-ħafna diskors ta' retorika, aktar nassistu għall-kompetizzjoniet ta' min igara l-aktar ħama lejn in-naħa l-oħra minflok sforzi sinċieri sabiex jingħaqdu għall-ġid ta' din id-dar komuni. Dan l-atteġġament ta' konfront (li ma jagħmilx ġieħ lill-politika), erġajna rajnieh dan l-aħħar fir-reazzjonijiet għar-rapport tal-IPCC. F'dak li ntqal, bħal donnu qed jintesa li meta ġiet is-siegħa tal-prova l-ebda wieħed mill-partiti l-kbar ma ta prijorità lill-ambjent Malti. Filwaqt li Gvern Nazzjonalista biddel il-konfini tal-iżvilupp fl-2006 li "... issarraf f'aktar tnaqqir tar-riżorsi ambjentali u naturali ta' pajjiżna,"[3] Gvern Laburista biddel il-liġi tal-ippjanar, il-pjani u policies bil-konsegwenza li s-sistema tal-ippjanar iddgħajfet biex ikunu aġevolati dawk li jiġu jaqgħu u jqumu mill-wirt naturali jew urban tal-pajjiż.

Dwar ir-rieda li ssir xi ħaġa tanġibbli fil-kwistjoni tat-tibdil fil-klima, il-KA ma tistax ma tfakkarx li fl-2008, f'sessjoni tal-Parlament ta' EkoSkola, 80 student minn 40 skola differenti kienu talbu liż-żewġ naħat tal-Kamra sabiex tingħata prijorità nazzjonali

[3] Ara l-istqarrija tal-KA*:* It-tibdil fil-konfini tal-iżvilupp (8 ta' Ġunju 2006)

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

lill-kwistjoni tat-tibdil fil-klima, u sabiex iż-żewġ naħat jikkollaboraw ħalli jinstabu soluzzjonijiet għal din il-kwistjoni. Madanakollu, kellhom jgħaddu seba' snin qabel mal-Parlament approva l-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima (fl-2015), u 11-il sena sakemm stembaħna u ddikjarajna emerġenza klimatika (fl-2019).

Mingħajr ma jrid, wieħed jistaqsi: il-politiċi tagħna mingħand min jieħdu l-pariri meta jkunu fil-gvern? Hemm xi settur partikolari li jingħata widen aktar minn ħaddieħor a skapitu tal-ġid komuni? Skont il-Papa Franġisku:

"Il-politika u l-ekonomija għandhom it-tendenza li joqogħdu jwaħħlu f'xulxin dwar il-faqar u d-degrad ambjentali. Wieħed jittama li dawn jagħrfu l-iżbalji tagħhom u jsibu modi kif jaħdmu flimkien għall-ġid komuni. Filwaqt li wħud moħħhom biss f'li jagħmlu qliegħ finanzjarju, u l-oħrajn huma ossessjonati kif ħa jżommu u jkabbru l-poter, dak li jifdal huma l-kunflitti u ftehimiet ambigwi fejn l-inqas li jinteressa liż-żewġ naħat hu li jippreservaw l-ambjent u jieħdu ħsieb tal-iżjed vulnerabbli" (*Laudato si'*, 198).

Dan l-aħħar smajna li politiċi miż-żewġ naħat "kontinwament jiffittaw" lin-negozjanti għall-flus (donazzjonijiet), b'tant persistenza li ssir "fastidju" b'riżultat li xi negozjanti "jimbarazzaw ruħhom b'din il-persistenza."[4] Meta wieħed jara kif u lil min jingħataw ċerti permessi, ma tistax ma tistaqsix jekk ikunx hemm xi obbligazzjonijiet (investimenti) marbuta ma' dawn id-donazzjonijiet.

Tassew li dawn l-intriċċi huma komuni mad-dinja kollha, imma l-impatt negattiv tagħhom jinħass ħafna aktar qawwi f'pajjiż żgħir bħal tagħna minħabba r-riżorsi limitati li għandna u li jridu jitqassmu (wieħed jittama) b'mod ekwu fost poplu li d-densità tiegħu qiegħda dejjem tikber.

**Sinjali ta' tama**

Fl-2019, il-KA kienet innotat b'sodisfazzjoni qawmien ġdid fis-soċjetà Maltija:

"… li diversi komunitajiet qed jingħaqdu u flimkien jgħidu 'le' għal żvilupp li mhux sostenibbli fil-lokalità tagħhom. … f'ċerti lokalitajiet, ir-rappreżentanti politiċi nsew l-alleanzi li seta' kellhom mal-partit tagħhom biex setgħu jitkellmu b'vuċi waħda – dik li tpoġġi il-ġid tal-lokalità tagħhom u tar-residenti sħabhom qabel kull interess partiġġan. Bla dubju dan jagħti ħafna aktar saħħa liċ-ċittadin għax l-enerġija li s-soltu tinħela f'battibekki bla sens tkun iffokata fuq dak li hu tassew importanti." [5]

F'dik l-istqarrija l-KA kienet tat xi eżempji ta' komunitajiet fejn osservat dan il-qawmien. B'sodisfazzjon il-KA tinnota li dan il-qawmien kompla jikber. Fost l-oħrajn, il-medja

[4]https://timesofmalta.com/articles/view/watch-parties-requests-for-money-verge-on-harassment-sandro-chetcuti.892081

[5] Ara l-istqarrija tal-KA: *Is-Sinjali taż-Żminijiet*. (25 ta' Jannar 2019).

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

rrapurtaw protesti mir-residenti u/jew mill-kunsilli lokali tax-Xagħra (dwar blokk t'appartamenti qrib it-tempji tal-Ġgantija); tax-Xgħajra (kontra l-bini ta' tliet torrijiet high-rise max-xatt); ta' Ħal Qormi (kontra żvilupp fiż-żona tal-Bonċ); ta' Pembroke, San Ġiljan u s-Swieqi (fuq il-proġett mostruż tad-DB); tan-Naxxar (dwar is-sit tal-karavans); ta' Wied il-Għajn (kontra l-iżvilupp ta' marina fil-bajja ta' Wied il-Għajn); tal-Imġarr (kontra l-iżvilupp ta' solar farm fuq art agrikola); tal-kunsilli lokali kollha ta' Għawdex (kontra l-iżvilupp eċċessiv u bla rażan li qed isir fil-gżira) u tal-kunsill lokali tal-Qala, li ilu s-snin jiddefendi r-raħal minn diversi proġetti mhux sostenibbli. Fost dawn, il-KA ma tistax ma terġax issemmi l-proġett ta' Ħondoq ir-Rummien[6] u tistaqsi x'qed nistennew biex jingħalaq darba għal dejjem dan il-kapitlu li ilu miftuħ għal madwar 20 sena! Każ ċar li juri n-nuqqas ta' konvinzjoni min-naħa tal-politiċi tagħna u tal-awtoritajiet, li l-ħarsien tal-ambjent u leħen iċ-ċittadin għandhom prijorità assoluta.

Dawn l-oġġezzjonijiet huma evidenza ċara li aktar u aktar nies huma mxebbgħa:

- mill-ammont eċċessiv u mhux sostenibbli ta' żvilupp li pajjiżna għaddej minnu;
- mit-tnaqqir ta' spazji naturali miftuħa;
- li ma jkunux ikkonsultati bis-serjetà dwar proġetti li jkunu sa jħallu impatt serju fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom;
- li r-rapporti dwar l-impatti ta' xi proġett fuq l-ambjent u fuq il-komunità tal-lokal, jew ma jsirux, jew inkella jinżammu moħbija, minkejja li x-xogħolijiet jibdew u jitlestew … u min gawda gawda, u min tilef tilef;
- mill-arroganza ta' żviluppaturi li qisu ma jista' għalihom ħadd … għax jew jieħdu li jridu jew jheddu bis-sensji; u
- mill-propaganda qarrieqa li l-iżvilupp u l-progress ta' Malta jiddependi kważi għal kollox fuq l-industrija tal-kostruzzjoni.

Il-KA tinnota wkoll b'sodisfazzjon li, issa, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tkun ta' spalla biex tippromwovi proġetti ta' sostenibbiltà li jtejbu l-kwalità tal-ħajja fil-lokalitajiet, bħal dak tas-slow streets sabiex it-toroq jingħataw lura lir-residenti u jitnaqqas it-tniġġiż tal-arja.[7]

Irridu nammettu, lil hinn minn kull diskors partiġġan, li matul is-snin issagrifikajna l-ambjent ta' pajjiżna għal mudell ta' żvilupp antikwat li filwaqt li jimla l-bwiet ta' xi ftit, inaqqas il-kwalità tal-ħajja tal-ħafna. Ħadd ma jista' jiċħad li pajjiżna sar sit ta' kostruzzjonji wieħed - bi skyline kkaratterizzat minn krejnijiet u torrijiet. Dan il-mudell ta' żvilupp serva

[6] Ara l-istqarrijiet tal-KA: L-iżvilupp propost f'Ħondoq ir-Rummien (21 ta' Lulju 2010) u L-iżvilupp propost f'Ħondoq ir-Rummien: X'għandu jiġi ikkonsidrat (24 ta' April 2013).

[7] https://www.tvm.com.mt/mt/news/sal-pjazza-bil-mixi-jew-bir-rota-10-kunsilli-se-jaghlqu-c-centru-tar-rahal-ghall-karozzi/



Tel. +356 2124 1281
Email. media@maltadiocese.org
www.knisja.mt

biss biex kerrahna lil pajjiżna, hekk li fil-lingwaġġ ambjentali daħal it-terminu 'uglification'. Il-KA tiskanta li politiċi miż-żewġ naħat tal-Parlament għadhom jitkellmu f'termini li jinstab "bilanċ" bejn l-iżvilupp u l-ambjent. Dan id-diskors ilu snin li għadda żmienu. L-iżbilanċ kontra l-ambjent ilu jkun ipprattikat is-snin b'riżultati ovvji għal kull min irid jara r-realtà. Jekk il-politiċi Maltin tassew jemmnu fi żvilupp sostenibbli għandhom jagħrfu li l-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja ma jistgħux jissaħħu jekk mhux ser issir għażla preferenzjali favur l-ambjent.

Indikazzjoni ta' kemm ir-rata tal-bini f'Malta qed tmur kontra kull sens ta' sostenibbiltà, ngħatat mill-inizjattiva li ttieħdet fl-2017 bejn il-Gvern u l-Assoċjazzjoni tal-Iżviluppaturi Maltin (MDA) biex titwaqqaf il-Property Malta Foundation bil-għan li tinċentiva l-bejgħ ta' appartamenti lill-barranin.[8] Il-KA tistaqsi: Din mhix ammissjoni, ta' dak li hi u entitajiet oħra tennew kemm-il darba, li l-provvista tal-bini hija akbar mid-domanda li pajjiżna verament għandu bżonn? Inizjattiva bħal din tista' titqies sostenibbli f'kuntest ta' pajjiż bl-ikbar densità ta' popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea u s-sitt l-ikbar fid-dinja (1,383.7 persuna għal kull km$^2$)? Ħasra li l-Gvern qed ikun parteċipi b'mod attiv fi prattika li qed tkompli żżid bl-addoċċ il-provvista tal-propjetà, bi ftit li xejn konsiderazzjoni dwar l-effett li iktar kostruzzjoni u bejgħ ta' din il-propjetà fis-swieq internazzjonali jista' jkollu fuq il-provvista ta' propjetà li l-Maltin ikunu jistgħu jaffordjaw, u l-effett li din il-prattika jkollha fuq l-ambjent urban ta' pajjiżna.

Wieħed għandu mnejn jikkonsla li kieku hemm sinjali li tgħallimna minn dan kollu. Imma milli jidher ma tantx hemm sinjali li l-folja ser tinqaleb. Kien hemm diversi proġetti mostrużi, li minkejja l-impatt tagħhom, xorta kienu approvati mill-istess awtoritajiet li twaqqfu biex jipproteġu 'l pajjiżna minn żvilupp mhux sostenibbli, jiġifieri l-ERA[9] u l-Awtorità tal-Ippjanar (PA). Mhux talli hekk, talli milli jidher dan id-degrad issa hu aċċettabbli għall-PA, għax "Malta issa dieħla f'era moderna."[10]

## Rakkomandazzjonijiet

Il-KA ma tistax tinjora l-inizjattivi pożittivi li saru f'pajjiżna bħat-tnaqqis tat-tniġġiż, l-għoti ta' spazji miftuħa lura lill-pubbliku (għalkemm fl-istess nifs jittieħdu spazji oħra minn fuq il-kosta), il-konservazzjoni tal-ilma u l-użu ta' sorsi ta' enerġija sostenibbli. Iżda, fl-istess ħin tħoss li hemm bżonn ta' strateġija aktar aggressiva li tpoġġi l-kura tal-ħolqien bħala l-ogħla prijorità. Dan minħabba r-rabta intima li hemm bejn ambjent b'saħħtu u l-benesseri tal-komunità. B'hekk dak li tkun bniet l-id il-leminija ma jinħattx mill-id ix-xellugija. Jidher li

[8] https://www.one.com.mt/news/2017/04/12/twieldet-property-malta-biex-thajjar-il-barranin-li-jridu-l-lussu-1/

[9] https://www.independent.com.mt/articles/2021-05-28/local-news/Residents-and-organisations-file-appeal-against-ERA-s-approval-of-DB-project-s-EIA-6736233854

[10] https://timesofmalta.com/articles/view/we-have-to-accept-that-malta-is-moving-into-a-modern-era-pa-chief.873841?utm_source=tom&utm_campaign=newsletter&utm_medium=email&utm_content=2021-05-23

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

l-Viżjoni Ekonomika ta' Malta 2021-2031 qed tirrikonoxxi li l-ġejjieni ekonomiku ta' Malta hu marbut intimament mal-kwalità tal-ambjent tagħna:

"Il-Viżjoni Ekonomika għal Malta tara li d-degradazzjoni ambjentali m'għadhiex 'sine qua non' għas-suċċess ekonomiku. Il-probabbiltà akbar ta' kriżi klimatika/ambjentali tfisser li għandna nkunu ppreparati u niżguraw ir-reżiljenza. Attivitajiet li jipproteġu l-ambjent mhux biss jiżguraw kwalità ta' ħajja aħjar u s-salvagwardja tar-riżorsi naturali, iżda jwasslu wkoll għall-iżvilupp ta' niċeċ ekonomiċi ġodda, investiment u offerta turistika aħjar."[11] Kliem sabiħ, imma issa jeħtieġ li dan ma jibqax biss kliem fieragħ, imma li malajr kemm jista' jkun ngħaddu għall-fatti.

F'dan il-kuntest, il-KA tixtieq tipproponi azzjonijiet kuraġġużi sabiex pajjiżna jaqbad it-triq tas-sostenibiltà bis-serjetà:

- Il-kunsilli lokali taw prova li huma kapaċi, ħafna aktar mill-ERA u mill-PA, li jpoġġu l-interessi tar-residenti qabel dawk partiġġani u ta' żviluppaturi bla skruplu. Il-KA tħoss li l-Gvern għandu jagħti aktar setgħa lill-kunsilli lokali f'deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-lokalità tagħhom. Fi ftit kliem, li kunsill lokali li jkollu l-kunsens taċ-ċittadini, jkollu wkoll is-setgħa li jwaqqaf jew jirrevedi proġetti maġġuri ta' żvilupp. Biex dan iseħħ hemm bżonn li:

    i) il-proċessi ta' konsultazzjoni dwar proġetti li jkunu ser jaffettwaw lill-lokalità jkunu tassew trasparenti u jsiru fi stadju bikri tal-proġett u r-rapporti rilevanti kollha jkunu disponibbli. Fuq kollox, dawn il-proċessi m'għandhomx ikunu biss laqgħat ta' informazzjoni dwar dak li jkun ġie deċiż diġà;

    ii) il-kunsilli lokali jiżguraw il-ġid veru tal-komunità billi jevitaw li l-azzjonijiet li jkunu qed jieħdu jitniġġsu b'interessi partiġġani;

    iii) jinbeda programm ta' edukazzjoni fil-komunità sabiex iċ-ċittadini jingħataw l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa ħalli jrawmu fihom ċittadinanza li tfittex il-ġid komuni u topponi kull ma jheddu; u

    iv) il-Gvern joffri protezzjoni lill-kunsilliera u liċ-ċittadini minn attakki u pressjoni li jistgħu jsofru minħabba l-pożizzjonijiet li jieħdu.[12]

- Il-klijenteliżmu jwassal għal "… forom ta' korruzzjoni li jaħbu l-impatt ambjentali veru ta' proġett partikolari, bi skambju għal favuri, spiss iwasslu għal ftehimiet strambi li jippruvaw jevitaw milli jinfurmaw lill-pubbliku jew minn dibattitu iktar fil-fond" (*Laudato si'*, 182). Il-KA tipproponi li l-Parlament jiddiskuti u jiddeċiedi fuq sistema li, permezz tagħha, il-Membri Parlamentari jkunu mħallsa b'tali mod li

[11] https://economicvision.mimcol.com.mt/wp-content/uploads/2021/06/A-Future-Proof-Malta-Final.pdf

[12] Biex jiġu evitati każijiet bħal dak li ġara lis-sindku tal-Qala: https://www.illum.com.mt/ahbarijiet/politika/62617/attentat_biex_issindlku_talqala_jitqaat_minn_persuna_filpoter__kunsill_qala#.YSLMdt98LDe

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

tonqsilhom it-tentazzjoni li jduru fuq negozjanti u żviluppaturi għal pjaċiri li eventwalment iridu jkunu msarrfa fi pjaċiri mill-politici.

- Il-Parlament jiddiskuti u jiddeċiedi fuq liġi li permezz tagħha l-partiti politiċi jkunu finanzjati parzjalment minn fondi tal-Istat. B'liġi bħal din jonqos ir-riskju, għalkemm qatt mhu se jkun eliminat, li partit politiku jsawwar politika nazzjonali, speċjalment dik ambjentali, li tiffavorixxi lil min ikun qed jippompja l-flus lill-partit: kemm lil dak li jkun fil-Gvern kif ukoll lil dak li jkun fl-Oppożiizzjoni ħalli jkollu garanzija li dejjem sa jerda minn fuq il-pajjiż – ikun hemm min ikun hemm fil-Gvern.

- Jekk iż-żewġ naħat tal-Kamra verament għandhom interess ġenwin fi kwistjonijiet ambjentali lil hinn minn interessi partiġġani, allura l-KA tissuġġerixxi li jitħejja Pjan ta' Żvilupp Sostenibbli (li jieħu post il-Pjan Strateġiku dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED) li wara konsultazzjoni pubblika, jiġi approvat minn żewġ terzi tal-Membri tal-Kamra u jkun implimentat minn min ikun fil-Gvern. Xogħol min ikun fl-Oppożizzjoni jkun dak li jiżgura li l-miri qed jintlaħqu.

### Konklużjoni

B'mod speċjali waqt ix-Xahar tal-Ħolqien, il-KA tistieden lil kull min hu involut fid-deċiżjonijiet li jimpattaw il-kwalità tal-ambjent tagħna, sabiex jirriflettu u jiddeċiedu fuq kif jixtiequ li uliedna jibqgħu jiftakruhom. Jekk hux bħala dawk li biegħulhom il-futur tagħhom għall-flus jew bħala eroj li ħaduha kontra l-kurrent ħalli jiżgurawlhom futur hieni, ġust u san f'din id-dar komuni.